MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 45/2008/1

**Wakil Mohamed Samir**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u tal-*Expatriates***
**u c-*Chairman* tal-Employment Training Corporation (ETC)**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell interpost mir-rikorrent Wakil Mohamed Samir minn zewg decizjonijiet moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi, jigifieri s-sentenza *in parte* tal-24 ta' Novembru 2008 u dik sussegwenti tad-19 ta' April 2010.

Fl-ewwel sentenza l-Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni (ETC) intimata u ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u waqfet milli tisma' l-kawza fil-konfront tal-istess Korporazzjoni li allura giet liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Fit-tieni sentenza, l-ewwel Qorti laqghet it-tieni eccezzjoni tal-intimati l-ohra u lliberathom ukoll mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez a karigu tar-rikorrent.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* iz-zewg sentenzi appellati kif jidher hawn taht:

Sentenza *in parte* moghtija fl-24 ta' Novembru 2008:

"**Il-Qorti;**

"Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta' Settembru, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

"1. Illi r-rikorrenti ilu jgħix Malta flimkien ma' martu Rim Gharib li għandha passaport Sirjan li jġib in-numru 001219683 u t-tfal tiegħu minuri, Bashir u Tahani li twieldu fit-2 ta' Marzu, 1997 u fis-27 ta' April, 2998(!) rispettivament, li għandhom passaport Libjan li jġibu n-numru 486212 u 340204 rispettivament u li huwa liċenzjat biex jaħdem bħala *Pitta Bread Baker*, u dan skont il-permess maħruġ mill-ETC referenza ETC/EEU/21713/213303 fejn huwa nħariġlu b'mod regolari permess għar-residenza tiegħu stess li jisimha Alfaneshe Bakery li l-proprjetarju huwa wieħed minn tal-familja tiegħu bl-isem ta' Farouk Wakil;

"2. Illi b'mod regolari huwa baqa' jgħix Malta skont il-liġi tant li huwa ħallas it-taxxa lill-Inland Revenue Department,

kif jirriżulta mir-reġistrazzjoni tiegħu numru 752923 u li l-istess tfal minuri tiegħu jattendu l-primarja fl-iskola Mariam Albatool School ġewwa l-Islamic Centre, Corradino Road, Paola, liema sena kurrenti tispiċċa fit-30 ta' Ġunju, 1999;

"3. Illi matul dawn l-aħħar ħames snin huwa dejjem b'mod regolari ngħata l-permess għar-residenza minħabba xogħol u li għalhekk kien dejjem kopert bl-awtorizzazzjoni tal-ħruġ ta' Visa mill-intimati sakemm l-intimata ETC b'avviż reċenti ref: 33880/213303 irrifjutat li tkompli tinħariġlu t-'*Third Country National employment licence*' mingħajr l-ebda smigħ xieraq jew raġuni ġusta għar-rifjut ta' din il-liċenzja li b'effett tagħha l-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* ta' awtorizzazzjoni li l-esponenti jibqa' Malta sat-12 ta' Settembru, 2008, referenza 2422/MLT/2008/RES/NEU;

"4. U illi r-rikorrent fil-fatt huwa marbut Malta per konsegwenza tax-xogħol tiegħu għand l-istess familjari tiegħu *gia*` indikat Farouk Wakil ta' Alfanesh Bakery, tant li ż-żewġ uliedu minuri ilhom snin issa jgħixu Malta u jieħdu l-edukazzjoni tagħhom f'Malta;

"5. U illi bil-proċedura arbitrarja tal-intimat Korporazzjoni ETC li tneħħietlu l-liċenzja tax-xogħol bħala *Third Country National* u ma ngħatatx smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif trid il-liġi u lanqas ngħata aċċess fid-determinazzjoni għad-dritt tiegħu;

"6. U illi dan l-aġir jammonta għall-ksur tal-Artiklu 6, kif ukoll l-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem (Kapitlu 319 tal-liġijiet ta' Malta) u wkoll tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li r-rikorrenti qed jiġi mċaħħad l-estensjoni tiegħu biex jirrisjedi Malta meta huwa għandu rabta ma' Malta kif *gia*` ingħad;

"Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din il-Qorti li togħġobha tiddikjara:

"Illi bil-fatti fuq esposti r-rikorrent sofra vjolazzjoni serja tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti fl-Artiklu 6 u l-

Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif ukoll l-Artiklu 39 li jipproteġi l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u li għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħtih ir-rimedji kollha xierqa u opportuni, fosthom li tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Employment Licencing Unit fil-konfront tiegħu tal-koperazzjoni intimata l-Employment Training Corporation (ETC) u li terġa’ tiġi riattivata l-liċenzja tax-xogħol tiegħu bħala *baker* ma’ l-Alfaneshe Bakery għal perjodu ieħor ta’ sena; u

“2. Tordna lill-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* biex tawtorizzah li jattendi l-permess tar-residenza mit-12 ta’ Settembru, 2008 għal dak il-perjodu ieħor li jkun maħruġ mill-istess korporazzjoni intimata l-Employment Training Corporation (ETC).

“Bl-ispejjeż.

“Rat il-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata tal-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, ikkonfermata bil-ġurament minn Joseph Mizzi, fil-kapaċita` tiegħu ta’ Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates*, ippreżentata fis-26 ta’ Settembru, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

“Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzj, jidher li l-proċedura utilizzata odjernament, m’hijiex il-waħda idonea fiċ-ċirkostanzi, *stante* li l-proċedura ta’ rikors ġuramentat – dik użata mir-rikorrenti – mhux suppost tintuża sabiex jiġi ntavolat rikors kostituzzjonali, kif qed jippretendi li jagħmel ir-rikorrenti;

“Illi wkoll mingħajr ebda preġudizzju, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m’għandhomx il-mansjoni bil-liġi biex jiddeċiedi kwistjoni tan-natura kif espressa fir-rikors odjern, u għaldaqstant għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

“Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

“Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu u fil-konfront tal-esponenti għandu jiġi enfasizzat li l-pożizzjoni tal-istess esponenti hija li, f’ċirkostanzi simili, huwa jkun jista’ joħroġ *residence permit* kif qed jippretendi l-istess rikorrenti, ġaladarba jkun ħareġ il-*work permit* relattiv da parti tal-intimati l-oħra, u *cioe`* l-Korporazzjoni tal-Impjiegi u t-Taħriġ (Employment Training Corporation);

“Illi l-fatt li fis-snin li għaddew, ir-rikorrenti ngħata permess tar-residenza f’dawn il-gżejjer, b’ebda mod m’għandu jitħalla jwieżen favur it-teżi tar-rikorrenti sempliċiment minħabba l-fatt li huwa prinċipju legali stabbilit li kwistjonijiet u kundizzjonijiet tar-residenza f’pajjiż partikolari għandhom jiġu determinati biss mill-Awtoritajiet tal-istess pajjiż, u dan dejjem skont id-diskrezzjoni totali tagħha;

“Illi għandu jiġi enfasizzat *in oltre* li kwalunkwe allegat ksur tal-Artiklu 6 u 13 tal-Konvenzjoni jista’ jissussisti biss jekk il-kwistjoni minnha nnifisha tiddetermina *a civil right and obligation*;

“Illi qed jiġi umilment sottomess li kwistjonijiet ta’ ċittadinanza jew permanenza f’pajjiż, b’ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala li b’xi mod jikkostitwixxu *a civil right or obligation*;

“Għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet, provi u trattazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

“Rat il-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Dr. Sandra Sladden fil-kwalita` tagħha ta’ *Chairperson* tal-Korporazzjoni ta’

Xogħol u Taħriġ u in rappreżentanza tal-istess Korporazzjoni, ippreżentata fis-26 ta' Settembru, 2008, li permezz tagħha esponiet bir-rispett:

<u>Eċċezzjonijiet</u>

"Fl-ewwel lok teċċepixxi bir-rispett:

"<u>Eċċezzjonijiet Preliminari</u>

"Illi l-proċedura istitwita mir-rikorrenti hija rrita u nulla peress illi m'hijiex istitwita permezz ta' rikors sempliċi iżda b'rikors ġuramentat;

"Sussidjarment u mingħajr preġudizzju għall-premess din l-Onorabbli Qorti fis-*sede* tagħha Kostituzzjonali għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha u tagħti rimedju kostituzzjonali *stante* li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji xierqa disponibbli lilu skont il-liġijiet ordinarji;

"<u>Eċċezzjonijiet fil-mertu</u>

"Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonjiet fuq imsemmija, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm ebda ksur da parti tal-Korporazzjoni esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat mir-rikorrenti;

"Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti illi "*terġa' tiġi riattivata l-liċenzja tax-xogħol tiegħu bħala baker ma' l-Alfaneshe Bakery għal perjodu ieħor ta' sena*" ma jistax jingħata skont il-liġi u *inoltre* r-rikorrenti ma għandu ebda dritt skont il-liġi biex tinħariġlu liċenzja tax-xogħol, u f'kull każ din l-Onorabbli Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-eżekuttiv u tal-korporazzjoni eċċipjenti f'każijiet ta' għoti ta' liċenzja ta' xogħol.

"L-esponenti tirriserva li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali.

"Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Ottubru, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Korporazzjoni dwar ix-Xogħol u taħriġ wara li d-difensur tal-istess Korporazzjoni rrinunzja għall-ewwel eċċezzjoni preliminari.

"Ikkunsidrat;

"L-eċċezzjoni in kwistjoni hija fis-sens illi r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji disponibbli lilu skont il-liġijiet ordinarji. Id-difensur tal-Korporazzjoni konċernata rrefera għall-Artiklu 469(a) tal-Kapitlu 12.

"Dan l-artiklu jgħid fost affarijiet oħra li l-Qrati ta' kompetenza ċivili għandhom kompetenza li jistħarrġu l-validita` ta' għemil amministrattiv meta dan jikser il-kostituzzjoni u meta l-awtorita` pubblika tonqos milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Allura skont il-kostituzzjoni l-Qorti għandha, dejjem skont l-intimati, teżerċita d-diskrezzjoni tagħha skont il-*proviso* tal-Artiklu 46(2).

"Dan il-*proviso* ndikat mill-intimati jgħid eżattament hekk: "Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun diserabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teserċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartiklu f'kull każ meta tkun sodisfatti li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kien disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra." (Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta)

"Din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister *nomine* (7 ta' Marzu, 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra:

"*Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

"*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li*

*qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu esawriti jew meta m'humiex disponibbli;*

"*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita` jew ta' ġustizzja jew żball manifest, ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita` tal-ewwel Qorti kkonferita mill-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni;*

"*c. Kull każ għandu l-fatti speċje partikolari tiegħu;*

"*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkunsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero` jirrimedja ħlief in parti l-lanzjani tar-rikorrenti;*

"*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarju, jekk pero` dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ.*

"*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni.*

"L-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Philip Spiteri vs Sammy Meilaq (8 ta' Marzu, 1995) qalet ukoll li: "Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f'xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx rimedju ħlief kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni." F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma "*komplessa*" jiżdied il-kliem "*jew inkella mħallta*".

“Issa fil-każ in eżami ma hemmx dubju li r-rikorrenti seta’ ntavola fil-konfront tal-eċċipjent il-proċedura ndikata fl-Artiklu 469(A) billi l-lanjanzi tiegħu huma li d-deċiżjoni li qed jilmenta minnha ma ngħatatx minn Tribunal imparzjali u li ma ngħatatx smigħ xieraq (u allura ksur ta’ wieħed mill-prinċipji tal-ġustizzja naturali – *audi alteram partem*). Huwa minnu li r-rikorrenti qed javvanza wkoll talba fil-konfront tad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment taċ-ċittadinanza u dan billi d-deċiżjoni tal-Korporazzjoni kellha mbagħad effett dirett fuq id-deċiżjoni tal-istess Direttur Ġenerali. Ma jistax jingħad pero` li fil-konfront ta’ dan ir-rikorrent kellu biss rimedju kostituzzjonali għaliex l-istess rikorrenti qiegħed bl-istess mod jattakka din id-deċiżjoni u għalhekk il-kawża setgħet liberament ġiet istitwita fl-ambitu’ tal-Artiklu 469(A) fil-kumpless kollu tagħha.

“**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-Korporazzjoni intimata u teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-Artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tieqaf milli tisma’ l-kawża fil-konfront tal-istess Korporazzjoni li allura hija libera mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż għar-rikorrenti.**”

Sentenza moghtija fid-19ta’ April 2010:
“**Il-Qorti;**

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta’ Settembru, 2008 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

“1. Illi r-rikorrenti ilu jgħix Malta flimkien ma’ martu Rim Għarib li għandha passaport Sirjan li jġib in-numru 001219683 u t-tfal tiegħu minuri, Bashir u Tahani li twieldu fit-2 ta’ Marzu, 1997 u fis-27 ta’ April, 2998(!) rispettivament, li għandhom passaport Libjan li jġibu n-numru 486212 u 340204 rispettivament u li huwa liċenzjat biex jaħdem bħala *Pitta Bread Baker*, u dan skont il-permess maħruġ mill-ETC referenza ETC/EEU/21713/213303 fejn huwa nħariġlu b’mod regolari permess għar-residenza tiegħu stess li jisimha Alfaneshe Bakery li l-proprjetarju huwa wieħed minn tal-familja tiegħu bl-isem ta’ Farouk Wakil;

"2. Illi b'mod regolari huwa baqa' jgħix Malta skont il-liġi tant li huwa ħallas it-taxxa lill-Inland Revenue Department, kif jirriżulta mir-reġistrazzjoni tiegħu numru 752923 u li l-istess tfal minuri tiegħu jattendu l-primarja fl-iskola Mariam Albatool School ġewwa l-Islamic Centre, Corradino Road, Paola, liema sena kurrenti tispiċċa fit-30 ta' Ġunju, 1999;

"3. Illi matul dawn l-aħħar ħames snin huwa dejjem b'mod regolari ngħata l-permess għar-residenza minħabba xogħol u li għalhekk kien dejjem kopert bl-awtorizzazzjoni tal-ħruġ ta' Visa mill-intimati sakemm l-intimata ETC b'avviż reċenti ref: 33880/213303 irrifjutat li tkompli tinħariġlu t-'*Third Country National employment licence*' mingħajr l-ebda smigħ xieraq jew raġuni ġusta għar-rifjut ta' din il-liċenzja li b'effett tagħha l-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* ta' awtoriżżazzjoni li l-esponenti jibqa' Malta sat-12 ta' Settembru, 2008, referenza 2422/MLT/2008/RES/NEU;

"4. U illi r-rikorrent fil-fatt huwa marbut Malta per konsegwenza tax-xogħol tiegħu għand l-istess familjari tiegħu *gia'* ndikat Farouk Wakil ta' Alfanesh Bakery, tant li ż-żewġ uliedu minuri ilhom snin issa jgħixu Malta u jieħdu l-edukazzjoni tagħhom f'Malta;

"5. U illi bil-proċedura arbitrarja tal-intimat Korporazzjoni ETC li tneħħietlu l-liċenzja tax-xogħol bħala *Third Country National* u ma ngħatatx smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti kif trid il-liġi u lanqas ngħata aċċess fid-determinazzjoni għad-dritt tiegħu;

"6. U illi dan l-aġir jammonta għal ksur tal-Artikolu 6, kif ukoll l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni tal-Ewropa dwar id-drittijiet tal-bniedem (Kapitlu 319 tal-liġijiet ta' Malta) u wkoll tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan peress li r-rikorrenti qed jiġi mċaħħad l-estensjoni tiegħu biex jirrisjedi Malta meta huwa għandu rabta ma' Malta kif *gia'* ingħad;

"Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din il-Qorti li togħġobha tiddikjara:

"1. Illi bil-fatti fuq esposti r-rikorrent sofra vjolazzjoni serja tad-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti fl-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet fundamentali tal-bniedem, kif ukoll l-Artikolu 39 li jipproteġi l-istess drittijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u li għalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħtih ir-rimedji kollha xierqa u opportuni, fosthom li tħassar, tannulla u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Employment Licencing Unit fil-konfront tiegħu tal-koperazzjoni intimata l-Employment Training Corporation (ETC) u li terġa' tiġi riattivata l-liċenzja tax-xogħol tiegħu bħala *baker* ma' l-Alfaneshe Bakery għal perjodu ieħor ta' sena; u

"2. Tordna lill-intimat Direttur taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates* biex tawtorizzah li jattendi l-permess tar-residenza mit-12 ta' Settembru, 2008 għal dak il-perjodu ieħor li jkun maħruġ mill-istess korporazzjoni intimata l-Employment Training Corporation (ETC).

"Bl-ispejjeż.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Expatriates, ikkonfermata bil-ġurament minn Joseph Mizzi, fil-kapaċita` tiegħu ta' Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-*Expatriates*, ippreżentata fis-26 ta' Settembru, 2008, li permezz tagħha esponew bir-rispett:

"Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzj, jidher li l-proċedura utilizzata odjernament, m'hijiex il-waħda idonea fiċ-ċirkostanzi, *stante* li l-proċedura ta' rikors ġuramentat – dik użata mir-rikorrenti – mhux suppost tintuża sabiex jiġi ntavolat rikors kostituzzjonali, kif qed jippretendi li jagħmel ir-rikorrenti;

"Illi wkoll mingħajr ebda preġudizzju, l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali m'għandhomx il-mansjoni bil-liġi biex jiddeċiedi kwistjoni tan-natura kif espressa fir-

rikors odjern, u għaldaqstant għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

"Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

"Illi mingħajr preġudizzju u fil-mertu u fil-konfront tal-esponenti għandu jiġi enfasizzat li l-pożizzjoni tal-istess esponenti hija li, f'ċirkostanzi simili, huwa jkun jista' joħroġ *residence permit* kif qed jippretendi l-istess rikorrenti, ġaladarba jkun ħareġ il-*work permit* relattiv da parti tal-intimati l-oħra, u *cioe'* l-Korporazzjoni tal-Impjiegi u t-Taħriġ (Employment Training Corporation);

Illi l-fatt li fis-snin li għaddew, ir-rikorrenti ngħata permess tar-residenza f'dawn il-gżejjer, b'ebda mod m'għandu jitħalla jwieżen favur it-teżi tar-rikorrenti sempliċiment minħabba l-fatt li huwa prinċipju legali stabbilit li kwistjonijiet u kundizzjonijiet tar-residenza f'pajjiż partikolari għandhom jiġu determinati biss mill-Awtoritajiet tal-istess pajjiż, u dan dejjem skont id-diskrezzjoni totali tagħha;

"Illi għandu jiġi enfasiżżat *in oltre* li kwalunkwe allegat ksur tal-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni jista' jissussisti biss jekk il-kwistjoni minnha nnifisha tiddetermina *a civil right and obligation*;

"Illi qed jiġi umilment sottomess li kwistjonijiet ta' ċittadinanza jew permanenza f'pajjiż, b'ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala li b'xi mod jikkostitwixxu *a civil right or obligation*;

"Għal dawn ir-raġunijiet u għar-raġunijiet, provi u trattazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jinġiebu waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

“Rat il-lista tax-xhieda.

“Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Dr. Sandra Sladden fil-kwalita` tagħha ta’ *Chairperson* tal-Korporazzjoni ta’ Xogħol u Taħriġ u in rappreżentanza tal-istess Korporazzjoni, ippreżentata fis-26 ta’ Settembru, 2008, li permezz tagħha esponiet bir-rispett:

“Illi l-proċedura istitwita mir-rikorrenti hija rrita u nulla peress illi m’hijiex istitwita permezz ta’ rikors sempliċi iżda b’rikors ġuramentat;

“Sussidjarment u mingħajr preġudizzju għall-premess din l-Onorabbli Qorti fis-*sede* tagħha Kostituzzjonali għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha u tagħti rimedju kostituzzjonali *stante* li r-rikorrenti ma eżawriex ir-rimedji xierqa disponibbli lilu skont il-liġijiet ordinarji;

“Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonjiet fuq imsemmija, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi ma kien hemm ebda ksur da parti tal-Korporazzjoni esponenti tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat mir-rikorrenti;

“Sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ir-rimedju mitlub mir-rikorrenti illi *“terġa’ tiġi riattivata l-liċenzja tax-xogħol tiegħu bħala baker ma’ l-Alfaneshe Bakery għal perjodu ieħor ta’ sena”* ma jistax jingħata skont il-liġi u *inoltre* r-rikorrenti ma għandu ebda dritt skont il-liġi biex tinħariġlu liċenzja tax-xogħol, u f’kull każ din l-Onorabbli Qorti ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-eżekuttiv u tal-korporazzjoni eċċipjenti f’każijiet ta’ għoti ta’ liċenzja ta’ xogħol.

“L-esponenti tirriserva li tagħmel eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

"Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti processwali.

"Rat is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2008 li permezz tagħha din il-Qorti lliberat il-Korporazzjoni intimata mill-osservanza tal-ġudizzju billi irrifjutat illi tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża fil-konfront tagħha;

"Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati għamlu t-trattazzjoni tagħhom;

"Ikkunsidrat;

"Illi eżami anke superficjali tar-rikors promotur juri li bla dubju t-talbiet kollha kontenuti fih jistgħu huma fil-konfront tal-Korporazzjoni intimata. Din kienet eċċepiet li r-rikorrenti fil-konfront tagħha stess kellu rimedji oħra li ma eżerċitax u allura talbet li l-Qorti tiddeklina li tkompli tisma' l-kawża *ai termini* tal-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni. Dan il-Qorti fil-fatt għamlitu permezz tas-sentenza tagħha msemmija.

"Il-Qorti allura fiċ-ċirkostanzi m'hijiex f'pożizzjoni illi tieħu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti għaliex huwa ċar li l-intimati l-ohra m'humiex rispondenti għat-talbiet tar-rikorrenti stess. Barra minn dan kif sewwa eċċepew l-istess intimati msemmija, id-deċiżjoni tagħhom hija dipendenti fuq dik tal-Korporazzjoni intimata u allura huwa loġiku li l-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha fir-rigward ladarba d-deċiżjoni prinċipali kienet tispetta lill-istess Korporazzjoni li issa ma għadhiex parti fil-kawża. Stabbilit dan, il-Qorti ma għandhiex għalfejn tinvestiga l-każ ulterjorment.

"**Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimati l-Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali u d-Direttur tad-Dipartiment taċ-ċittadinanza u Expatriates u tilliberahom ukoll mill-osservanza tal-ġudizzju; spejjeż a kariku tar-rikorrenti.**"

**Rikors tal-appell ta' Wakil Mohamed Samir**

L-appellant hassu aggravat kemm mis-sentenza moghtija fl-24 ta' Novembru 2008 u kemm mis-sentenza finali moghtija fid-19 ta' April 2010 u interpona appell minnhom b'dawn l-aggravji:

1. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qed jghid li r-rimedju taht l-Artikolu 469(a) tal-Kap 12 u dak ezercitat minnu huwa l-istess.

2. It-tieni aggravju tal-appellant jirrigwarda t-talbiet tieghu fil-konfront tal-intimati kollha. Hu jghid li ghalkemm huwa veru li hu ccita l-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-fatti li huwa semma' jinkwadraw ruhhom anke f'artikoli ohra tal-Konvenzjoni, u jsemmi l-Artikolu 8 specifikatament.

3. It-tielet aggravju huwa li llum Malta hija membru tal-Unjoni Ewropeja u skont id-Direttiva tal Kunsill 2003/109CE li giet *transposed* fl-Avviz Legali 278/2006 persuna li hija cittadina ta' pajjiz mhux fl-Unjoni Ewropeja ghandu dritt wara hames snin illi jkollu permanent *long term residence visa* kif ukoll li ma jkollu l-ebda impediment ghax-xoghol tieghu. L-istess direttiva u l-istess Avviz Legali jinkorpora wkoll il-membri tal-familja inkluzi t-tfal tieghu u l-edukazzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant talab:

1. Ir-revoka tas-sentenzi moghtija mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Novembru 2008 u fid-19 ta' April 2010;

2. Tilqa' l-appell u tiddikjara li hemm il-vjolazzjonijiet lamentati inkluzi dawk li jinkwadraw anke taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

3. Taghti kull rimedju effettiv iehor inkluz illi, jekk tkun il-kwistjoni mqanqla dwar il-ligi tal-Unjoni Ewropeja tehtieg interpretazzjoni mill-Qorti tal-Gustizzja, tigi segwita l-procedura ghal tali kaz, skont il-ligi u dan il-fatt ukoll

jikkostitwixxi dritt tal-esponent taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (*Access to Court*).

**Risposta tal-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig (ETC).**

Il-Korporazzjoni intimata ETC wiegbet li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-24 ta' Novembru 2008 hija valida u gusta u timmerita li tigi kkonfermata minn din il-Qorti. L-aggravju tal-appellanti, fejn hu qed isostni li r-rimedju taht l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 u dak ezercitat minnu huma l-istess, hi interpretazzjoni li tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-istess Kap. 12 li jiddistingwu bejn iz-zewg proceduri.

Il-Korporazzjoni ghazlet li ma tikkummentax dwar is-sentenza l-ohra moghtija fid-19 ta' April 2010 stante li hija tirrigwarda l-eccezzjoni sollevata mill-intimati l-ohra u mhux minnha, u li pero` fi kwalunkwe kaz, dawn huma kawzali godda li ma jissemmewx fir-rikors promutur.

**Risposta tal-intimati l-ohra**

L-intimati l-ohra wiegbu preliminarjament li t-talbiet tar-rikorrent jirrigwardaw biss lill-Korporazzjoni intimata u huma m'humiex il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tieghu.

Ir-rikorrent qatt ma applika ghall-*residence permit* allura qatt ma kien il-kaz li hu seta' jinghata dan il-permess. L-Artikolu 5(1) tal-A.L. 278/2006 kif ukoll id-Direttiva 2003/109CE ma japplikawx f'dan il-kaz billi dawn jimponu li biex permess jinghata l-persuna interessata trid tapplika sabiex tiehu dan il-permess, u f'dan il-kaz, ir-rikorrent qatt ma applika. Ir-rikorrent ma gabx prova li hu ghandu rizorsi sufficjenti biex ikun f'pozizzjoni li jmantni kemm lilu nnifsu kif ukoll lill-familja tieghu, u li mhux se jkun ta' piz fuq l-istat minhabba dan in-nuqqas.

Ghaldaqstant dawn l-intimati talbu li din il-Qorti tichad ir-rikors tal-appell u tikkonferma s-sentenzi appellati bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**Konsiderazzjonijiet**

**Sentenza finali tad-19 ta’ April 2010.**

Illi fis-sentenza finali taghha tas-19 ta’ April 2010, l-ewwel Qorti ddecidiet li tillibera lill-intimati l-ohra mill-osservanza tal-gudizzju billi kien car li huma ma kienux il-legittimi kontraditturi ghat-talbiet tar-rikorrent stante li d-decizjoni principali kienet tispetta lill-Korporazzjoni ETC.

Illi mir-rikors tal-appell tar-rikorrent, jirrizulta li ebda wiehed mill-aggravji tieghu ma hu dirett lejn din id-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn iddecidiet li l-intimati mhumiex il-legittimi kontradditturi tat-talbiet tieghu. Ghalhekk id-decizjoni tad-19 ta’ April 2010 qed tigi kkunsidrata minn din il-Qorti bhala li ghaddiet in gudikat.

**Sentenza tal-24 ta’ Novembru 2008**

L-aggravji tar-rikorrent huma diretti minflok fir-rigward tal-ewwel sentenza li ddecidiet li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji ghal lamenteli tieghu u ghalhekk ezercitat id-diskrezzjoni taghha taht l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni.

**L-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 bhala rimedju ordinarju**

Dwar l-ewwel sentenza, dik tal-24 ta’ Novembru 2008, l-appellant jissottometti li meta hu agixxa minhabba vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, implicitament huwa kien qed juza l-artikolu 469(a) tal-Kap. 12 u ghalhekk ma jistax jinghad illi l-paragrafu 469(1)(a) m’huwiex rimedju ordinarju waqt li fil-paragrafu (b) hu rimedju ordinarju.

L-intimati ma qablux ma’ dan l-argument billi jsostnu li din hija interpretazzjoni li tmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Kap. 12 billi dawn jiddistingwu bejn azzjoni u ohra.

L-Artikolu 469A. (1) tal-Kap. 12 jipprovdi li: “Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita` ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-

eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss –

**(*a*) meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;**

**(*b*) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:**

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fl-ismijiet **Christopher Hall et v. Direttur tad-Dipartiment ghall-Akkomodazzjoni Socjali et** deciza fit-18 ta' Settembru, 2009 fejn dan il-punt gie trattat *funidtus.* Din il-Qorti kienet qalet hekk:

"**28.** L-appellati, bhall-ewwel Qorti, jargumentaw illi stante illi subartikolu (1) tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 jghid illi jista' jsir stharrig gudizzjarju *"meta l-ghemil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni"* allura dan ifisser illi eghmil amministrattiv jista' jigi dikjarat null, invalidu u minghajr effett meta dak l-eghmil jikser il-Kostituzzjoni inkluz b'hekk anke d-disposizzjonijiet dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem. Huma jikkwotaw favur din it-tezi taghhom is-sentenza **Raymond Farrugia v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha) fit-12 ta' Novembru 2001. Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja ta' hsieb, u hi tal-fehma li l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lill-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 469A hija dik moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija**, deciza fit-2 ta' Novembru 2001. F'din is-sentenza ta' **Ciantar**, din il-Qorti kienet esprimiet ruhha hekk:

**"... ... (l)l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'dawn l-ahhar snin ittantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) tal-artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-** [recte lill-]**istess Prim Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-**

**Kostituzzjoni fir-rigward ta' rikors ta' kull persuna li tallega li xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 34 sa 45 maghdudin tal-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura. Kuntrast u konflitt li fil-fehma ta' din il-Qorti huma aktar apparenti milli reali.**

**"Il-principju kellu dejjem ikun illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku. Kif gja` gie rilevat f'gudikati ohra, ir-rimedju taht l-Artikolu 469A taht certi aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.**

**"Kif accennat, l-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fundamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni immedjata. Fejn, mill-banda l-ohra, l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal jeddijiet fondamentali, id-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja ... ... Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghall-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap. 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. ... ...**

**"Tikkonkludi biss billi tinnota illi l-gurisprudenza ta' din il-Qorti f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ta' l artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzoni bazata fuq l-effettivita` tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal lezjoni subita ma setax jinghata taht l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta` interpretattiva. Mill-banda l-ohra, ta' min**

**ifakkar, illi jidher illi l-legislatur originarjament intenda li, bl-introduzzjoni tal-inciz (1)(a) ta' dan l-artikolu, jintroduci u jimponi terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur li fih setghet tigi avanzata allegazzjoni ta' jeddijiet protetti bil-Kostituzzjoni, inkluzi, forsi, wkoll dawk fondamentali, tant illi originarjament l-inciz (3) ta' dak l-artikolu kien japplika wkoll ghall-inciz (1)(a). Eventwalment u fortunatament wara kontestazzjoni, il-legislatur gie konvint jelimina dan il-perjodu preskrittiv in kwantu japplika ghal eghmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni u dan bl-Att IV tal-1998. L-emenda pero` bl-ebda mod ma ccarat il-konflitt apparenti bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali."**

"Fi kliem iehor – u din il-Qorti tittama li din il-kwistjoni issa tigi risolta darba ghal dejjem, cioe` anke ghal kazijiet futuri – l-appellanti (jew, qabilhom, l-awtur taghhom) ma setghux jifthu kawza ordinarja ghal stharrig gudizzjarju taht is-subartikolu 1(a) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u jallegaw ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom protetti taht il-Kostituzzjoni, ghax dak is-subartikolu jirreferi ghal ksur tal-Kostituzzjoni minn ghemil amministrattiv li (i) ma jkunx jammonta ghall-ksur, ossia allegat ksur, tad-drittijiet fundamentali kif protetti bl-Artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni, u li (ii) ai termini tal-istess Kostituzzjoni jkun jista' jigi mistharreg mill-qrati ordinarji. U, bl-istess argument – cioe` li wiehed ghandu jzomm il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili separati u distinti – il-kliem "imur mod iehor kontra l-ligi" fis-subartikolu (1)(b)(iv) tal-Art. 469A jirreferi ghal kwalsiasi ligi ad eskluzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni kif inkorporati fil-Kap. 319 (u dan kuntrarjament ghal dak li donnha rriteniet il-Prim Awla fis-sentenza taghha fil-kaz ta' **Raymond Farrugia**, *supra*). A skans ta' ekwivoci, din il-Qorti taghmilha cara li mhux qed tghid li meta jigi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u/jew bil-Konvenzjoni l-intimat jew intimati ma jistghux jissollevaw, anke b'success, l-"eccezzjoni" li kien hemm mezz jew mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, jew li l-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostitituzzjoni (u d-disposizzjoni analoga tal-Kap. 319)

ma jistax jigi applikat *ex officio* mill-Prim Awla jew minn din il-Qorti, meta tali rimedju xieraq ravvizat ikun jikkonsisti fil-procedura tal-istharrig gudizzjarju skont l-imsemmi Artikolu 469A; dak li qed jigi deciz hu li jekk il-mezz xieraq ta' rimedju ravvizat ikun jikkonsisti biss fi stharrig gudizzjarju (in bazi ghas-subartikoli 1(a) jew (1)(b)(iv) tal-Artikolu 469A) ghar-raguni biss li l-eghemil amministrattiv ikun jilledi xi wiehed mill-Artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni jew ikun jilledi d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni inkorporati fil-Kap. 319, tali "eccezzjoni" ghandha tigi skartata bla tlaqliq bhala manifestament infondata, u, s'intendi, il-*proviso* msemmi m'ghandux, f'tali sitwazzjoni, jigi applikat *ex officio* mill-Qorti".

Fil-kaz in ezami din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel Qorti li r-rimedju taht l-Artikolu 469(a) tal-Kap. 12 in kwantu li l-appellant qed jilmenta minn nuqqas ta' smigh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kien rimedju sufficjenti u effettiv ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-*proviso* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. L-appellant seta' jmur quddiem il-Bord tal-Appell kif ukoll kellu azzjoni taht l-Artikolu 469A biex jikkontesta l-arbitrarjeta` tad-decizjoni amministrattiva li hu qed jghid li ttiehdet kontra tieghu u jiddikjaraha *ultra vires*. Izda l-appellant ma ghamel xejn minn dan u fil-fatt l-uniku remedju li fittex kien li jipprezenta l-azzjoni kostituzzjonali odjerna mill-ewwel (ara verbal a fol. 18).

L-appellant issottometta, fil-kors tal-appell, li l-Qorti Ewropeja kienet ghamlitha cara li l-*judicial review* Ingliz, li fuqu l-Artikolu 469(a) tal-Kap. 12 hu ispirat, lanqas ma huwa rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali minhabba l-limitazzjonijiet tieghu (ara **Shahal v. U.K.**).

Kif tghid Karen Reid, fil-ktieb "A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (a fol. 322, 3rd Edition):
"While in **Chahal v UK**, concerning explusion, judical review was inadequate, this was due at least in part to the inability of the Courts to undertake any independent scrutiny of the national security considerations which were at the basis of the decision to expel. Despite criticism of

the inability of the courts to decide the question solely on the question of risk without reference to security considerations, the Court did not appear to overrule its previous caselaw and it remains to be seen whether it would maintain its general view of the effectiveness of judicial review in an extradition case, where risk was not the sole question but other elements irrelevant to Art.3 played a decisive role in the decision to uphold the extradition".

Fil-kaz in ezami r-rimedju taht l-Artikolu 469(A) tal-Kap. 12 kien rimedju sufficjenti, billi l-appellant seta' jottjeni sentenza fuq l-arbitrarjeta` tad-decizjoni mehuda mill-Korporazzjoni u jiddikjaraha, jekk ikun il-kaz, *ultra vires*. Kif tkompli tghid Karen Reid, "the 'court' must be able to decide on the procedural and substantive conditions essential for 'lawfulness'. It is not required to cover every question and it does not guarantee a right to judicial control of such scope as to empower the 'court' on all aspects of the case to substitute its own discretion for that of the decision-making authority (ara l-kazijiet **Weeks, Van Droogenbroeck** u **Toth**). **The principle is that the natianal laws may govern the exercise of the right but not injure its substance.**

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ilment taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

Fit-tieni aggravju l-apellant jissottometti li ghalkemm huwa veru li fir-rikors promotur hu jiccita l-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja, il-fatti, specjalment fejn jissemmew it-tfal, jolqtu l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar id-drittijiet tal-familja. Hu jikkontendi li l-Kostituzzjoni riedet mill-inqas formalizmu possibbli f'dak li jirrigwarda ksur ta' drittijiet fondamentali u li wiehed imur ghas-sustanza. Dan taghmlu anke l-Qorti ta' Strasbourg meta, minkejja li applikant ikun ikkwota artikolu, hi jidhrilha li jkun japplika artikolu iehor.

L-intimati wiegbu li f'dan l-istadju l-appellant ma jistax izid kawzali godda ghar-rikors promutur tieghu.

Illi gie deciz mill-Qrati taghna li fi proceduri kostituzzjonali jew dawk imressqa in forza tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrent mhux imxekkel bil-limitazzjonijiet kontemplati fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili ghal dak li jirrigwarda kawzali u talbiet (ara sentenza **Zarb v. Avukat Generali** deciza fit-3 ta' Mejju 2002).

Illi f'dan il-kaz il-kawzali gdida tressqet mhux quddiem l-ewwel Qorti, izda fl-istadju ta' dan l-appell. L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza fil-parametri tat-talbiet u tal-kawzali li kellha quddiemha. Huwa principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Dan ir-rekwizit hu necessarju mhux biss ghaliex il-Qorti ghandha tiddeciedi biss fuq dak li jkollha quddiemha izda wkoll fl-interess tal-kontroparti biex din tkun tista' tiddefendi ruhha. Inoltre huwa maghruf li quddiem Qorti ta' revizjoni, (din il-Qorti Kostituzzjonali qeghda tirrevedi decizjoni tal-Prim Awla Sede Kostituzzjoniali) ma jistghux jigu sollevati kwistjonijiet li qatt ma gew sollevati quddiem l-ewwel Qorti. F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Gunju 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Malcolm Cachia nomine v. Joseph Apps nomine**, inghad li: *"mhux lecitu li s-socjeta` konvenuta tqajjem materji ta' din ix-xorta quddiem il-Qorti ta' revizjoni kemm ghax dan ikun jissorprendi lill-kontroparti u jipprivaha mid-dritt tad-doppio ezami kif ukoll ghaliex il-Qorti ma ghandhiex bhala regola tippermetti li dan isir meta l-fatti li fuqhom dawn il-kontestazzjonijiet ikunu bazati ikunu ovvjament diga` sewwa maghrufa lill-appellanti qabel u waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti"*.

Izda fir-rigward ta' proceduri kostituzzjonali, din il-Qorti fil-kaz **Bartolo v. L-Agent Registratur tal-Qrati** deciza fil-15 ta' Frar 1991 kienet spjegat li:
"Fil-proceduri kostituzzjonali, il-formalita` hija ridotta ghall-minimu necessarju u jiddependi kollox mid-diskrezzjoni tal-gudikant li jkun qed jippresjedi, li ghandu jara li jigu salvagwardjati l-principji kollha tal-gustizzja procedurali.

Il-gudikant mhux marbut li joqghod biss ghal dak li jista' jkun hemm miktub mir-rikorrent ghal dak li hija l-indikazzjoni preciza tal-artikoli kostituzzjonali (jew konvenzjonali) li jiddelinejaw id-drittijiet fundamentali tieghu – salv naturalment, u kompatibbilment mad-drittijiet tal-intimati li ma jigux sorprizi u pregudikati bil-fatt li jigu decizi kwistjonijiet li huma ma kellhomx l-opportunita` li jezaminawhom u jiddefendu ruhhom fuqhom- ghaliex b'hekk altrimenti, jigu pregudikati ngustament id-drittijiet tad-difiza.

Il-flessibilita` procedurali li ghaliha ghada kif saret referenza, hija illustrata mill-Kostituzzjoni stess fl-Artikolu 46(2) fejn il-Qorti hija licenzjata li: "..tista' taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq ta' kull wahda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija Artikolu 33 sa 45 (inkluzi) li ghall-protezzjoni taghhom tkun intitolata dik il-persuna".

"Din il-licenzja tawtorizza 'l Qorti li tmur *ultra petita*… Id-direttiva hija li d-decizjoni trid tkun konformi ma' dak li l-Qorti tqies xieraq u mhux in konformita` ma' dak li jitlob ir-rikorrent – kif tobbliga l-procedura normali."

Fl-aggravju tieghu l-appellant jishaq li li ghalkemm huwa ccita l-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, il-fatti li huwa semma' jinkawdraw ruhhom anke fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Ma' dan, l-appellant jorbot l-argument l-iehor fis-sens li din il-Qorti ghandha thares ukoll lejn Direttiva tal-Kunsill 2003/109CE dwar *long term residence visa* u jsostni li ma ghandu jkun hemm l-ebda impediment ghax-xoghol tal-appellant u li din id-direttiva tkopri wkoll il-membri tal-familja inkluzi t-tfal tieghu u l-edukazzjoni taghhom

Illi mill-unici provi prodotti[1] f'din il-kawza jirrizulta li r-rikorrent gie Malta fis-sena 2003 u kien jahdem f'*bakery* ta' kuginuh b'permess mahrug mill-Korporazzjoni (ETC).

[1] F'dan il-process kull ma hemm bhala prova huwa l-affidavit tar-rikorrent a fol. 39 u xi dokumenti ezibiti minnu.

Hu jhallas it-taxxa u ghandu t-tfal l-iskola. Jghid li f'daqqa gie rifjutat dan il-permess minghajr ma nstema' jew inghata raguni gusta u d-Direttur tac-Cittadinanza ddecieda li ghandu jitlaq minn Malta sat-12 ta' Settembru 2008 u ghalhekk ghamel din il-kawza kostituzzjonali.

Kif iddecidiet il-Qorti ta' Strasbourg: "As a matter of well-established international law and subject to its treaty obligations, a state has the right to control the entry, residence and expulsion of non-nationals from its territory (**Moustaquim v. Belgium** (1991)). However, measures taken in the field of immigration may effect the right to respect of family life under Article 8 (**Abdulaziz, Cabales and Balkandali v U.K.** (1985)).

Ghalhekk f'kaz bhal dak odjern hu importanti li jigi ezamintat ukoll x'konsegwenzi jista' jkollha decizjoni bhal dik tal-Korporazzjoni fuq l-appellant u l-familja tieghu u xi kwistjonijiet, jekk ikun il-kaz, jistghu jitqajmu taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Izda stante li din il-lanjanza tqajmet biss fl-istadju tal-appell, u biex ikun hemm il-possibilita` tad-*doppio esame*, din il-Qorti ser tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti biex dan il-punt jigi epurat.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata tad-19 ta' April 2010 bl-ispejjez kontra l-appellant. Fir-rigward tas-sentenza tal-24 ta' Novembru 2008, din il-Qorti sejra tikkonfermaha fejn sabet li taht l-Artikolu 6 (smigh xieraq) l-appellant kellu rimedju ordinarju effettiv u adegwat ghal lanjanza tieghu, izda in vista ta' dak li nghad *supra*, qed tirrimetti l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tiddetermina jekk mill-provi prodotti jistax ikun hemm xi lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-appellant taht l-Artikolu 8 (Dritt ghall-Familja), jekk ghandux rimedju ordinarju taht l-Artikolu 469(a) tal-Kap. 12, u l-applikabbilita` o meno tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109CE.

Billi jirrizulta ampjament car li l-fatti kienu maghrufa sewwa ghall-appellant, anke dawk li jirrigwardaw lit-tfal u

l-familja mill-bidunett, u ghalhekk messu qajjem il-kontestazzjoni quddiem l-ewwel Qorti u mhux issa fl-istadju tal-appell, l-ispejjez ta' dan l-appell qed jigu akkollati lill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------